MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2006

Rikors Numru. 756/2005

**Korporazzjoni Telemalta**

**vs**

**Alfred John Pisani**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li bih il-korporazzjoni rikorrenti premettiet:

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Cit. Nru. 2095/96/NA) giet deciza minn din il-Qorti fil-11 ta' Novembru, 1997, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat jhallas lill-Korporazzjoni Telemalta s-somma ta' Lm644.36 (sitt mija erbgha u erbghin liri maltin u sitta u tletin centezmu), in konnessjoni masservizz telefoniku numru 346998 li kien installat fil-fond 'Notre Dame Mansions' Flat/1, Triq Enrico Mizzi, Ta' Xbiex, bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi is-Socjeta Maltacom p.l.c. illum issuccediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk hija l-istess Socjeta rikorrenti li llum ghandha interess fil-kawza indikata fl-ismijiet fuq premessi.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre Lm140.79 (mija u erbghin liri maltin u disgha u sebghin centezmi) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument "A" kif ukoll Lm382.32 (tlett mija tnejn u tmenin liri maltin u tnejn u tletin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-lum, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' Lm1167.47 (elf, mija sebgha u sittin liri maltin u sebgha u erbghin centezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data talpagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-Socjeta esponenti ghandha interess tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Illi ghalhekk l-istess korporazzjoni rikorrenti ghaldaqstant ghamlet referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta fejn talbet bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat id-dikjarazzjoni tal-korporazzjoni rikorrenti u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-PL Noel Scerri ghall-korporazzjoni rikorrenti kkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors u li ma thallas xejn fil-mori ta’ dawn il-proceduri;

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta` rikorrenti tirrizulta gustifikata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti**,

b'dan illi tawtorizzaha tezegwixxi s-sentenza deciza minn din il-Qorti fil-11 ta' Novembru, 1997, (Cit. Nru. 2095/96/NA) fejn fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat jhallas lill-Korporazzjoni Telemalta s-somma ta' Lm644.36 (sitt mija erbgha u erbghin liri maltin u sitta u tletin centezmu), in konnessjoni masservizz telefoniku numru 346998 li kien installat fil-fond 'Notre Dame Mansions' Flat/1, Triq Enrico Mizzi, Ta' Xbiex, oltre Lm140.79 (mija u erbghin liri maltin u disgha u sebghin centezmi) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument "A" kif ukoll Lm382.32 (tlett mija tnejn u tmenin liri maltin u tnejn u tletin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-lum, u ghalhekk l-ammont dovut lill-Korporazzjoni attrici huwa ta' Lm1167.47 (elf, mija sebgha u sittin liri maltin u sebgha u erbghin centezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data talpagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------